**Minuti tal-Laqgħa Nru 59 (kontinwazzjoni) tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar 2012 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.05 | 8.45 |
| Vici Sindku Josette Agius Decelis | 7.35 | 8.01 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.23 | 8.45 |
| Kunsillier Mario Sammut | Skużat | |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.23 | 8.45 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.23 | 8.45 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.17 | 8.45 |
| Kunsillier Kirby Fenech | Skużata | |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.10 | 8.45 |
| Kunsillier David Meilak | 7.23 | 8.45 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.23 | 8.45 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Korrispondenza**

1.01 Intbagħtet petizzjoni minn 17-il resident biex titneħħa *sleeping policeman* fi Triq il-Kbira li tagħti għan-Naxxar fejn l-istatwa ta' San Ġużepp. Inkitbet ittra lil Transport Malta biex jiddeċiedu dwar il-każ.

1.02 Il-Kunsill Lokali irċieva suġġeriment mis-Sur Joe Cristina biex fi Triq il-Ħtajriet (il-parti bejn Triq il-Farinal u Triq EB Vella fuq in-naħa tax-xellug meta ġej minn naħa tal-monument taż-żgħażagħ) isir parkeġġ bir-ras minflok mit-tul u xorta jibqa' wisa' ta' metru u nofs minfejn jgħaddu n-nies bil-mixi, bil-pushchairs jew wheelchairs. Tintbagħat ittra lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

1.03 Il-Kunsill Lokali irċieva talba mis-sinjura Catherine Schembri, propjetarja tal-Best & Less Home Furnishings fejn qed titlob li ftit l-isfel mill-imsemmi ħanut tiġi żona ta' loading/unloading . Intbagħtet ittra lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

**1.04 Kienet daħlet xi korrispondenza bejn Diċembru 2011 u Jannar 2012 u l-Kunsill qabel li dawn is-sitt ittri jiġu wkoll diskussi.**

1.05 Is-Sur Joe Sammut kiteb lill-Kunsill biex jitwaħħlu *4 bollards* quddiem l-uffiċċju tiegħu fi Triq Grognet Nru 15 il-Mosta. Il-Kunsill iddeċieda li tintbagħat ittra lil Transport Malta.

1.06 Il-Kunsill Lokali irċieva struzzjonijiet mid-Direttur Gvern Lokali biex tieqaf id-direct order dwar it-tliet latrini u temporanjament dawn jibdew jinfetħu mis-Sur Alfred Bugeja , impjegat tal-IPSL u li jaħdem mal-Kunsill Lokali.

1.07 Intbagħtet ittra lil D Consulta, l-*accountants* tal-Kunsill dwar in-nuqqasijiet li qed isiru minn din il-kumpanija rigward ix-xogħol ta' l-awditjar tal-kotba tal-Kunsill. Il-Kunsilliera ġew infurmati b'dawn in-nuqqasijiet . Ġie deċiż li l-każ jiġi riferut lill-Avukat tal-Kunsill għal parir. Sadanittant l-*accountants* kitbulna biex jagħmlu sezzjoni ta' jumejn fejn jiġu l-Kunsill u jerġgħu ikomplu l-awditjar tal-kotba. Is-segretarju aċċetta li ssir din il-laqgħa u wara niddeċiedu x'għandu jsir.

1.08 Il-Kunsill irċieva talba minn Standard Publications Limited biex isir abbonament għal sena fis-Sunday u Daily Independent fejn il-prezz għal sena abbonament ikun ta' €195. Il-Malta Business Weekly ikun ukoll inkluż fil-pakkett. Illum il-prezz għal sena li jħallas il-Kunsill meta qed jixtri id-Daily Independent biss huwa ta' €186. Il-Kunsill qabel li jsir dan l-abbonament għax f'sena għaż-żewġ gazzetti jkun qed iħallas aktar , 9 Euros biss.

1.09 Il-Kunsill ġie infurmat li s-segretarju bagħat ittra lill-President tal-Mosta Football Club biex iwieġeb għal xi nuqqasijiet fejn il-Club kien qed jonqos li jippreżenta l-*audited financial statements* lill-Kunsill u jiddepożita l-flus fil-kont bankarju tal-Kunsill skont kif mitlub jagħmel mill-Awdituri tal-Gvern. Ġie deċiż li l-ftehim milħuq bejn il-Kunsill Lokali u l-Mosta Football Club jiġi riferut lill-Avukat tal-Kunsill.

1.10 Il-Kunsill Lokali iddiskuta u aċċetta talba tal-Kunsillier Indipendenti Pawlu Agius biex il-Kunsill jalloka €650 għal xiri ta' trofej u €350 għal riċeviment fl-okkażjoni tal-attivita' tal-Wirja ta' l-Għasafar li saret f'Diċembru 2011. Hu maħsub li din l-attivita' ta' preżentazjoni issir fl-1 jew fit-2 ġimgħa ta' Frar. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Awdituri tad-Dipartiment kienu qed jirrakkomandaw lill-Kunsill biex jevita milli jagħmel nefqiet simili u jekk isiru tali attivitajiet in-nefqa tkun l-anqas possibbli. Dan skont ir-regolament numru 63A tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali u Memo 08/2005 tal-Proċeduri tal-Kunsilli Lokali (*Tenders*) tal-1996.

## 2.00 <u>Aġġudikazzjoni ta' Offerti</u>

2.01 Is-Sindku beda biex qara ittra li hu kien bagħat lid-Direttur tal-Gvern Lokali u ikkupjata lis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, lill-Avukat tal-Kunsill u lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv fejn talbu li l-Kunsill jaġġudika l-Offerti kollha pendenti, inkluż dik tal-latrini, mill-kunsilliera preżenti li jkunu qed jattendu l-laqgħa. Id-Direttur kien wieġbu li hu ma kien isib l-ebda oġġezzjoni sakemm din tkun fil-parametri li tipprovdi l-liġi.

2.02 Il-Kunsilliera Joseph De Martino, Shirley Farrugia, Marthese Mifsud, David Meilak, Nicola Fenech Adami u l-kunsillier Pawlu Agius peress li s-suġġett kien dwar l-Aġġudikazzjoni ta' Offerti ma riedux li tkompli tinqara din l-ittra. Il-Kunsillier is-Sur Joe Demartino qal li dan kien se jkun ħela ta' żmien għax id-deċiżjoni dwar l-Aġġudikazzjoni ta' l-Offerti kienet ittieħdet xhur ilu. Il-Kunsillier is-Sur David Meilak kompla li l-kunsill kien dam ħames snin jiddiskuti u ma jiddeċidix fuq materji ta' importanza . Fl-aħħar kien sab flus biex isir l-iskate park iżda ma setax isib flus biex isir il-patching tat-toroq.

## 3.00 Riżoluzzjoni KLM 19/2011 imressqa mill-Kunsillier Mario Sammut dwar:

***"Irtirar ta' Mozzjoni Nru 11 li kienet saret fis-6 ta' Ġunju 2008 dwar Rikonsiderazzjoni fuq Monumenti fi Pjazza Rotunda "***

3.01 Punt numru 3 fl-agenda dik dwar "Riżoluzzjoni KLM 19/2011 imressqa mill-kunsillier is-Sur Mario Sammut li tittratta dwar Irtirar ta' Mozzjoni Nru 11 li kienet saret fis-6 ta' Ġunju 2008 dwar Rikonsiderazzjoni fuq Monumenti fi Pjazza Rotunda"~~, bi żvista inqabżet mid-diskussjoni u ma ġietx diskussa~~. (x)

## 4.00 Jiġi diskuss ir-*Report & Financial Statement* u *Report to Management* għas-sena finanzjarja 31 ta' Diċembru 2010

4.01 Is-Segretarju ingħata permess biex jitkellem dwar dan is-suġġett. Is-Segretarju kien ilu li lesta x-xogħol ta' din il-materja. Peress li d-Dipartiment kien bagħat ifakkar lill-Kunsill biex jiġu ippreżentati ir-*Report & Financial Statement* u *Report to Management* u ma setax jistenna aktar żmien sakemm dawn jiġu ippreżentati lill-Kunsill, is-segretarju kien bagħat dan ix-xogħol lid-Dipartiment bil-kundizzjoni li kif dan jiġi approvat mill-Kunsill id-Dipartiment jiġi infurmat b'dan. Id-Dipartiment aċċetta dan is-suġġeriment u x-xogħol ġie ċċekkjat u aċċettat xorta waħda. Ix-xogħol deher li kien ippreżentat korrett għax id-dipartiment ma infurmax lill-Kunsill biex isiru xi korrezzjonijiet.

(x) inqabżet mid-diskussjoni u ma ġietx diskussa għax ma kienx hawn il-kunsillier is-Sur Mario Sammut

4.02 Is-Segretarju informa lill-Kunsill dwar ir-*Report to Management.* L-Awdituri tad-Dipartiment kienu qajmu 35 mistoqsija dwar suġġetti differenti u dawn riedu spjegazzjoni mill-Kunsill ta' dawn in-nuqqasijiet. Peress li fis-sena 2010 is-Segretarju ma kienx jaħdem fil-Kunsill u biex jidħol fis-suġġetti kien hemm il-ħtieġa li jdur ħafna *files* biex hekk seta' jagħti t-tweġibiet tiegħu.

4.03 Issa kien imiss li jiġi diskuss ir-*Report & Financial Statement* . Peress li dan ix-xogħol kien inħadem mill-Accountants tal-Kunsill is-segretarju ma kienx f'pożizzjoni li jispjega l-figuri imniżżla fir-rapport.

4.04 Hawn il-Kunsill talab li fil-laqgħa li jmiss jiġu imsejħa l-awdituri tal-Kunsill D Consulta biex jagħtu l-ispjegazzjoni tagħħhom.

**5.0 Survey Xjentifiku dwar tibdil fil-ħinijiet tal-ġbir ta' skart**

5.01 Nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru 2011 is-segretarju kellu laqgħa l-Universita' ma' Profs Anton Buhagiar espert f'din il-materja u li volontarjament kien offra jgħin lill-Kunsill biex jista' jasal għal survey xjentifiku tajjeb.

5.02 Il-kunsilliera kienu ntalbu jibagħtu lis-Segretarju s-suġġerimenti tagħhom biex dawn jiġu diskussa mal-Profs Buhagiar . Il-Kunsillier is-Sur Joe Demartino bagħat is-suġġerimenti tiegħu u flimkien ma' dawk imressqa mis-Segretarju ġew ittrattati fil-laqgħa . Is-suġġerimenti diskussi kienu dwar:

- Nistaqsu lir-residenti dwar il-ħin li hu l-aħjar li jsir il-ġbir ta' l-iskart domestiku jekk hux filgħodu (wara s-sitta); wara nofs inhar (wara s-sagħtejn) jew filgħaxija (wara s-sitta);

- Kif għandha ssir il-mistoqsija jekk hux bit-telephone jew tintbagħat ittra id-dar;

- Inkunu irridu nilħqu l-figura ta' 1000 familja jew ftit anqas kif ukoll nistaqsu lil tal-ħwienet u uffiċini għax hu importanti li dawn jiġu inklużi fis-*survey*;

- Jekk il-ġbir tal-boroż griżi kienx se jiġi inkluż fis-*survey*;

- Jekk jagħmilx sens li jsir dan is-*survey* meta nafu li t-tender kienet ġa ħarġet.

5.03 Ġie suġġerit li peress li fi ftit ġimgħat oħra il-Kunsill se jmur għall-Elezzjoni tal-Kunsilli, deċiżjoni dwar din il-materja tittieħed wara l-elezzjoni.

**6.0 Affarijiet Oħra**

**6.01** *Collection of mixed Household Waste*: Mosta Local Council

Il-Kunsillier is-Sur Joe Demartino talab lill-Kunsill biex nikkonkludu d-deċiżjoni tal-Public Contract Appeals Board dwar is-sentenza li kienet ġa deċiża biex Northern Cleaning Group Ltd jingħataw l-offerta tal-*Collection of Mixed Household Waste.*

6.02 Is-segretarju informa lill-Kunsill li skont is-sentenza mogħtija mill-Bord tal-Appell il-punti riveduti kellhom jinqraw hekk:

**Verżjoni Nru 1**

| Punti mogħtija mill-Bord ta' Evalwazzjoni | Northern Cleaning Group Ltd | Wilson Mifsud |
|---|---|---|
| | 52.24 | 52.40 |
| Punti riveduti skont il-Public Contract Appeals Board | 53.78 | 44.40 |

**Verżjoni Nru 2**

| Punti mogħtija mill-Bord ta' Evalwazzjoni | Northern Cleaning Group Ltd | Wilson Mifsud |
|---|---|---|
| | 52.24 | 52.40 |
| Punti riveduti skonf il-Public Contract Appeals Board | 55.24 | 30.19 |

6.03 Il-board kien ħareġ b'żewġ verzjonijiet hawn fuq imsemmija u jekk tieħu liema verżjoni trid xorta se ssib li Northern Cleaning Group Ltd ġabu l-akbar ammont ta' punti.

6.04 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali wasal għal din id-deċiżjoni wara li kkonsidra d-deċiżjoni meħuda mill-Public Contract Appeals Board Case No 288 fl-24 ta' Mejju 2011 u rreveda l-punti kif ordnat jagħmel minn dan il-Board ta' l-Aġġudikazzjoni oriġinali. Kien hemm aċċettazzjoni sħiħa mill-kunsilliera preżenti għal din id-deċiżjoni tal-Public Contract Appeals Board.

**7.0 Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv